**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Awwissu 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 553/2023 JVC**

**Roman Dutka u Emma Manduca Dutka**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Roman Dutka et talbu kif isegwi:

'Illi l-esponenti izzewgu fil 6 ta' Gunju 2022 (Dok A);

Illi skont ic-certifikat taz-zwieg Emma Manduca hadet il-kunjom Manduca Dutka.

Illi l-partijiet jridu li meta jitwieled tifla jew tifel miz-zwieg taghhom din ikollha l-kunjom Manduca Dutka. Illi l-partijiet jridu li konjom tal-konjugi ikun Manduca Dutka.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tordna fl-Att taż-Żwieġ bin-numru 1231/2022 (a) korrezzjoni fil-kolonna Tagħrif dwar il-Konjuġi b'dan illi l-kunjom li ħadet Emma maż-żwieġ jiġi korrett għal 'Dutka Manduca' minflok 'Manduca Dutka'; u (b) korrezzjoni sabiex isem tal-familja jiġi korrett għal 'Dutka Manduca' minflok 'Dutka'.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern;

**2.** Illi preliminarjament ukoll għandha ssir korrezzjoni fin-numru tal-permess tar-residenza tal-attur Roman Dutka stante illi dan huwa '138143A' u mhux 'MT5834711' kif skorettament indikat fl-*occhio*;

**3.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat;

**4.** Illi kif jirriżulta *ictu ocoli* mill-Att taż-Żwieġ b'numru progressiv **1231/2022**, anness mar-rikors promotur, jidher li l-atturi żżewġu ġewwa Malta nhar is-6 ta' Ġunju 2022 u bħala kunjom wara ż-żwieg, l-attur 'Roman Dutka' għażel li jżomm il-kunjom 'Dutka', filwaqt illi 'Emma Manduca' għażlet li żżomm il-kunjom 'Manduca' u miegħu żżid kunjom żewgħa sabiex kunjomħa jiġi jaqra 'Manduca Dutka';

**5.** **Di piu', ż-żewg partijiet flimkien iddikjaraw illi l-isem tal-familja, u cioe' kunjom it-tfal futuri tagħhom għandu jkun 'Dutka'.** Tali partikolaritajiet ġew konfermati kemm fuq l-Att taz-Żwieġ iffirmat miz-żewġ konjuġi, kif ukoll fuq it-talba għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taz-żwieġ li għamlu huma ai termini tal-Artikolu 7(4) tal-Kap. 255, kopja annessa u mmarkata **Dok. DRP 1.** Għaldaqstant, zgur li ma jistax jingħad li sar xi zball min-naħa tal-esponent;

**6.** Illi b'mod speċifiku għat-talba kif dedotta, din tinkwadra ruħha f'dak li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-esponent sejjer jirrimetti ruħu salv illi:

Issir korrezzjoni fit-talba tal-atturi kif dedotta, fis-sens illi essenzjalment l-atturi jridu jagħmlu żewġ (2) talbiet speċifiċi stante illi qegħdin jitlobu żewġ korrezzjonijiet fl-Att taz-Żwieġ bin-numru 1231/2022:

a. Korrezzjoni fil-kolonna "Tagħrif dwar il-konjuġi (2)" b'dan illi l-kunjom li ħadet Emma maż-żwieġ jigi korrett għal 'Dutka Manduca' minflok "Manduca Dutka"; *u*
b. Korrezzjoni sabiex l-isem tal-familja jigi korrett għal 'Dutka Manduca' minflok "Dutka";

**7.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>**

**8.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi li ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2023.

Rat il-korrezzjonijiet mitluba u kif awtorizzati fil-verbal tal-lum 8 ta' Awwissu 2023.

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu mix-xhieda tar-rikorrenti Roman Dutka u Emma Manduca Dutka jirriżulta li effettivament meta seħħ iż-żwieġ tagħhom huma għamlu żball, fis-sens illi flok indikaw kunjom l-ulied bħala dak li kellu jkun 'Dutka Manduca' indikaw il-kunjom 'Dutka'

Illi fl-istess att ukoll sar żball ukoll fis-sens illi r-rikorrenti mara flok għażlet li tieħu kunjom ir-raġel u warajh iżżid dak tagħha għamlet bil-kontra u cioe' li dan spiċċa ġie jaqra 'Manduca Dutka' flok 'Dutka Manduca'.

Illi l-partijiet ikkonfermaw illi jixtiequ li kemm il-mara u kif ukoll l-ulied ikollhom il-kunjom 'Dutka Manduca'.

Illi effettivament ma jirriżultax illi dan l-iżball għandu xi responsabbilita' għalih id-Direttur intimat.

Illi in vista tas-suespost jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa iżda bl-ispejjez izda kontra l-istess rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara t-tieni u s-sitt eċċezzjoni sorvolati u tiċħad il-bqija tar-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija inkompatibbli ma' dak hawn deċiz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna li fl-Att taż-Żwieġ bin-numru 1231/2022 fil-kolonna 'Tagħrif dwar il-Konjuġi' il-kunjom jiġi korrett billi jiġi ddikjarat illi l-kunjom li ħadet Emma maż-żwieġ jiġi huwa dak ta' 'Dutka Manduca' minflok 'Manduca Dutka' u tilqa' it-tieni parti tat-talba billi tordna korrezzjoni sabiex l-isem tal-familja indikat fuq l-istess certifikat jiġi korrett għal 'Dutka Manduca' minflok 'Dutka';

2. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**8 ta' Awwissu 2023**

**Cora Catania**

**Deputat Reġistratur**

**8 ta' Awwissu 2023**